**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 122/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta ta' April tas-sena elfejn u tlieta (03.04.2003) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A u miz-zwieg tal-partijiet ma kienx hemm ulied;

2. Illi l-partijiet isseparaw l-ghaxra t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (10.10.200) u dan permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana (kopja hawn annessa – Dok B);

3. Illi skont klawsola erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt reciproku li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April, 2017;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghas-seduta tal-15 ta' Gunju 2017 u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Ottubru 2008;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.